30 ta' Ottubru, 1948

**Imħallef :**

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Avv. Dr. Lorenzo Cauchi *versus* Alfredo Vella et.

**Legat ta' Ħaġa li Tappartjeni lil-Legatarju — Akkwist da Parti tal-Legatarju, Wara t-Testment, tal-Ħaġa Lilu Legata — Liċitazzjoni — Bejgħ — Art. 739 (1) u (2), 733 u 780, tal-Kodiċi Ċivili.**

*Jekk il-ħaġa mħollija b'legat kienet ġà tal-legatarju meta sar it-testment, dak il-legat ma jiswiex.*

*Jekk però l-legatarju ma jkunx jippossjedi dik il-ħaġa u jakkwistaha wara t-testment, u jakkwistaha minn għand it-testatur b'titolu oneruż jew minn għand ħadd ieħor bi kwalunkwe titolu, huwa jkollu l-jedd għal daqs kemm tiswa l-ħaġa, kemm il-darba dik il-ħaġa ma kienetx ta' ħadd ieħor meta sar it-testment, jew, jekk kienet ta' ħadd ieħor, jingħad fit-testment li t-testatur kien jaf b'dan, mingħajr ma titqies id-dispożizzjoni tal-liġi li tgħid li kull trasferiment li jagħmel it-testatur ta' dik il-ħaġa jġib it-tħassir tal-legat.*

*Jekk imbagħad il-legatarju jakkwista dik il-ħaġa minn għand it-testatur b'titolu gratuwitu, il-legat jitqies bħala mħallas.*

*Il-liċitazzjoni, bħad-diviżjoni, għandha effett dikjarattiv, meta ssir bejn il-koeredi; meta ssir mhux bejn il-koeredi hija vera vendita.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li ppremetta illi Teresa Bugeja, ġà mart il-konvenut Emmanuele Bugeja, li l-konvenuti huma l-eredi tagħha ntestati, ċjoè Emmanuele Bugeja bħala żewġha, u Serafina armla minn Salvatore Vella bħala ommha, u l-konvenuti l-oħra bħala ħutha u neputijiet tagħha, mietet fid-29 ta' Marzu 1945 mingħajr ma ħalliet eredi testamentarji; u l-istess Teresa Bugeja, b'testment magħmul fl-attijiet tan-Nutar Oscar Azzopardi tas-6 ta' Ottubru 1942, ħalliet b'titolu ta' legat lill-Avukat Dottor Lorenzo Cauchi, ċjoè lilu, in-nofs indiviż tal-mezzanin li jinsab Birżebbuġa, Żurrieq Road (ġà Via Zurrico), numru 81, u dan in kumpens ta' l-assistenza u prestazzjonijiet professjonali minnu reżi lit-testatriċi Teresa Bugeja; u illi huwa kien jippossjedi n-nofs indiviż l-ieħor ta' l-imsemmi fond, u huwa kien kostrett iġib dak il-fond in liċitazzjoni, li in forza tagħha akkwista n-nofs l-ieħor indiviż li lilu l-imsemmija Teresa Bugeja kienet ħallietulu b'legat in forza ta' l-imsemmi testment; u illi l-imsemmi testment, li kien sar fl-attijiet tan-Nutar Oscar Azzopardi tas-6 ta' Ottubru 1942, qatt ma ġie revokat mill-imsemmija Teresa Bugeja; talab li l-konvenuti jiġu kundannati li jħallsu lilu l-valur tan-nofs indiviż ta' l-imsemmi fond a termini ta' l-art. 739 Kodiċi Ċivili, Edizzjoni Riveduta, jiġifieri l-valur ta' dak in-nofs indiviż tal-fond fuq msemmi li lilu ġie mħolli b'legat, kif fuq intqal, u li huwa kien akkwista fl-20 ta' Frar 1945 bil-liċitazzjoni fuq imsemmija (ara ċedola nru. 219 ta' l-1945); u illi, jekk hemm bżonn, jiġu nominati

periti sabiex jagħmlu valutazzjoni tan-nofs indiviż ta' l-imsemmi fond skond kemm kien jiswa fil-ġurnata tal-mewt ta' l-imsemmija Teresa Bugeja. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi, kif jirriżulta mid-dokument fol. 8 tal-proċess, l-imsemmija Teresa Bugeja ħalliet lill-attur b'titolu ta' legat......;

Illi allura l-attur kien jippossjedi n-nofs indiviż l-ieħor tal-fond fuq imsemmi;

Illi wara li sar it-testment fuq imsemmi l-attur akkwista, f'bejgħ in liċitazzjoni, in-nofs indiviż li kien ta' l-imsemmija Teresa Bugeja, li kien ġie lilu mħolli b'titolu ta' legat in forza tat-testment fuq imsemmi;

Illi wara l-mewt ta' l-istess Teresa Bugeja l-attur irreklama l-valur tan-nofs indiviż tal-fond li ġie lilu mħolli b'titolu ta' legat bis-saħħa tad-dispożizzjoni testamentarja fuq imsemmija, li ma ġietx qatt revokata, u in bażi tad-dispożizzjoni ta' l-artikolu 739 (2) tal-Kodiċi Ċivili;

Tikkunsidra;

Illi skond il-liġi, jekk il-ħaġa mħollija b'legat kienet ġà tal-legatarju fi żmien it-testment, dana l-legat ma jiswiex (art. 739 (1) Kodiċi ċitat). Kemm il-darba però l-legatarju jkun akkwista l-ħaġa mħollija b'legat f'xi żmien wara t-testment, jew minn għand it-testatur b'titolu oneruż, jew minn għand ħadd ieħor b'kull titolu li jkun, huwa jkollu l-jedd għal daqs kemm tkun tiswa l-ħaġa, kemm il-darba jkun hemm iċ-ċirkustanzi msemmija fl-artikolu 733, bla ma jingħata qies ta' l-art. 780 (art. 739 (2) Kodiċi ċitat). Jekk imbagħad il-legatarju jkun akkwista l-ħaġa minn għand it-testatur b'titolu gratuwitu, il-legat jingħad bħala mħallas (art. 739 (3) Kodiċi ċitat);

Illi fil-każ preżenti hija applikabili l-imsemmija dispożizzjoni kontenuta fit-tieni paragrafu ta' l-art 739 fuq ċitat li tagħti d-dritt lill-legatarju għall-valur tal-ħaġa li tkun ġiet lilu legata; u difatti hu akkwista n-nofs indiviż tal-fond fuq imsemmi wara t-testment b'titolu oneruż minn għand l-istess testatriċi, u mhux minn għand ħadd ieħor, u kwindi mhux il-każ li jkun hemm iċ-ċirkustanzi msemmijin fl-artikolu 733 fuq imsemmi, li jikkontempla l-każ ta' meta l-ħaġa legata tkun ta' ħadd ieħor, u mhux tal-legant, fi żmien it-testment; u għal-

hekk l-attur għandu dritt għal kemm kienet tiswa l-ħaġa fiż-żmien li mietet l-imsemmija Teresa Bugeja, billi, skond id-ċitat artikolu 739 (2), ma għandu lanqas jingħata qies ta' dak li hemm maħsub fl-art. 780, li jiddisponi illi kull trasferiment li t-testatur jagħmel tal-ħaġa legata, kollha jew ta' biċċa minnha, jġib it-tħassir tal-legat ta' dik il-ħaġa;

Illi xejn ma jimporta li l-akkwist tan-nofs indiviż tal-fond fuq imsemmi sar mill-attur b'xiri f'bejgħ in liċitazzjoni, għaliex dana l-mod ta' akkwist fil-każ ta' l-attur huwa ta' titolu oneruż, għaliex fil-każ tiegħu l-liċitazzjoni mhix dikjarativa imma vera vendita, peress li mhux applikabili għaliha l-prinċipju, applikat għal-liċitazzjoni, tad-diviżjoni dikjarativa. Dan il-prinċipju hu applikabili għall-liċitazzjoni li ssir bejn l-eredi; mentri fil-każ in eżami l-fond ma kienx posseduT, meta saret il-liċitazzjoni, mid-decujus u l-attur għaliex koeredi, u allura kif intqal, il-liċitazzjoni hija vera vendita;

Tikkunsidra;

Illi skond il-liġi, il-legatarju għandu d-dritt "għal daqs kemm tkun tiswa l-ħaġa", jiġifieri għall-valur tal-ħaġa, u mhux, in massima, għall-prezz li jkun ħallas il-legatarju għall-akkwist ta' dik il-ħaġa, kif jidher li jippretendu l-konvenuti;

Illi però fil-każ preżenti, l-attur akkwista n-nofs indiviż tal-fond in kwistjoni fl-1945, f'epoka viċina ħafna, f'bejgħ in liċitazzjoni; u billi hija ħaġa magħrufa illi l-prezzijiet ta' l-istabili ma tbiddlux minn dawk korrenti fl-1945, u billi għandu jiġi ritenut, f'nuqqas ta' prova in kuntrarju, illi dak l-istabili ġieb prezz ġust fis-subasta fuq imsemmija, il-Qorti jidhrilha illi għandha tiġi ffrankata l-ispiża ta' valutazzjoni u tistabbilixxi l-valur tan-nofs indiviż tal-fond in kwistjoni fil-prezz illi l-attur ħallas għalih fil-liċitazzjoni fuq indikata. Del resto, mid-dikjarazzjoni ta' l-attur jidher illi huwa ta' l-istess fehma, għaliex qal li hu talab il-valur jew il-prezz li bih kien xtara l-imsemmi nofs indiviż; u anki min-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti jirriżulta illi anki dawn huma ta' l-istess fehma;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi għat-tenur tat-talba ta' l-attur, u tiddikjara l-valur tan-nofs indiviż tal-fond għandu jikkorrispondi għall-

prezz li bih l-attur akkwistah fil-bejgħ in liċitazzjoni fuq imsemmi;

L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenuti.